# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 15**

**Avviz numru 322/01/SM**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc ga' Guardian Royal Exchange plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Raymond Navarro u Raymond Navarro f'ismu proprju.**

**vs**

**Charles Oswald Tanti**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat iz-17 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici proprio et nomine sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma komplessiva ta' hames mija u ghaxar Liri Maltin u ghoxrin centezmu, (LM510.20,0), danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura RJN 555 assikurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Raymond Navarro u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-28 ta' Ottubru 2000 gos-Swieqi waqt li kien qed isuq il-vettura KAL 458 habat mal-vettura RJN 555 proprjeta ta' Raymond Navarro u misjuqa minn Isabelle Navarro u ghal liema incident hu kien unikament responsabbli;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar 2001, u bl-imghax tat-8 % fuq LM510.20,0 mit-3 ta' Jannar 2001 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-prezentata kontra Fogg Insurance Agencies Limited assiguraturi tal-konvenut;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi ghall-incident meritu tal-kawza unikament responsabbli Isabelle Navarro li kienet qed issuq il-vettura assikurata mas-socjeta' attrici;**

**2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tas-1.10 ta' wara nofs inhar tat-28 t'Ottubru tas-sena 2000 fi Triq is-Sirk, is-Swieqi, u fih kienu involuti l-vettura tal-marka Opel bin-numru RJN-**

**555 misjuqa minn Isabelle Navarro u l-vettura wkoll tal-marka Opel bin-numru KAL-458 misjuqa minn Charles Oswald Tanti, il-konvenut;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti sofrew hsarat diversi, dik assigurata mis-socjeta' attrici kellha hsarat ammontanti komplessivament ghal hames mija u ghaxar Liri Maltin u ghoxrin centezmu, (LM510.20,0) kif debitament ipprovati bid-dokumenti pprezentati;**

**3. Illi l-konducenti ta' l-Opel RJN-555 kien qed isuq minn Triq is-Sirk fid-direzzjoni ta' Regional Road meta l-konvenut gie minn wara u habat fiha fir-rokna n-naha tal-passiggier u spicca quddiemha;**

**4. Illi l-istess Navarro cahdet li kellmet lill-konvenut wara l-incident u konsegwentement cahdet bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonjiet tal-konvenut mal-pulizija fuq il-post ta' l-incident;**

**5. Illi ghalkemm il-konvenut kellu l-opportunita' jipproduci l-provi tieghu dan naqas li jghamel dan minghajr ma jressaq raguni valida ghall-istess;**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti tikkonsidra li l-atturi proprio et nomine pprovaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Charles Oswald Tanti unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi proprio et nomine fl-ammont komplessiv ta' hames mija u ghaxar Liri Maltin u ghoxrin centezmu, (LM510.20,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Charles Oswald Tanti biex ihallas lill-atturi proprio et nomine l-**

**ammont hekk likwidat bl-ispejjez u imghaxijiet mitluba skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**